

Brussell, 20 ta' Ottubru 2023  
(OR. en)

14510/23

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2023/0049(COD)**

---

ENT 218  
MI 881  
IND 548  
CHIMIE 91  
COMPET 1019  
SAN 607  
ENV 1162  
CONSOM 377  
AGRI 640  
CODEC 1952

#### **NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	16 ta' Ottubru 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 581 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL dwar l-eżerċizzju tas-setgħa li tadotta atti delegati mogħtija lill-Kummissjoni skont ir-Regolament (UE) 2019/1009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi regoli dwar it-tpoġġija għad-dispożizzjoni fis-suq ta' prodotti fertilizzanti tal-UE

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 581 final.

---

Mehmuż: COM(2023) 581 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 16.10.2023  
COM(2023) 581 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-  
KUNSILL**

**dwar l-eżerċizzju tas-setgħa li tadotta atti delegati mogħtija lill-Kummissjoni skont ir-Regolament (UE) 2019/1009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi regoli dwar it-tpoġġija għad-dispożizzjoni fis-suq ta' prodotti fertilizzanti tal-UE**

## 1. INTRODUZZJONI

Ir-Regolament (UE) 2019/1009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi regoli dwar it-tpoġġija għad-dispożizzjoni fis-suq ta' prodotti fertilizzanti tal-UE u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1069/2009 u (KE) Nru 1107/2009 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2003/2003<sup>1</sup> beda japplika mis-16 ta' Lulju 2022.

Dan jissostitwixxi r-Regolament (KE) Nru 2003/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 dwar il-fertilizzanti<sup>2</sup>.

Ir-Regolament (UE) 2019/1009 jespandi l-kamp ta' applikazzjoni tal-armonizzazzjoni għal kategoriji ġodda ta' prodotti fertilizzanti, b'mod partikolari prodotti innovattivi u prodotti ċirkolari li fihom materjali rkuprati mill-iskart jew minn prodotti sekondarji. Dan jistabbilixxi rekwiżiti agronomiċi ta' effiċjenza u sikurezza għall-marka CE tal-prodotti fertilizzanti. Il-manifatturi jibqgħu liberi li jagħżluh, li jibbażaw fuq id-dispożizzjonijiet tiegħu u jimmarkaw il-prodotti fertilizzanti tagħhom bil-marka CE jew li jsegwu r-regoli nazzjonali dwar il-prodotti fertilizzanti.

## 2. BAŻI ĠURIDIKA

L-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) 2019/1009 jagħti lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti delegati li jemendaw l-Anness I, bl-eċċezzjoni tal-valuri ta' limitu tal-kadmju, id-definizzjonijiet u l-elementi relatati mal-kamp ta' applikazzjoni tal-kategoriji tal-funzjoni tal-prodott, li jemendaw l-Annessi II, III u IV, kif ukoll li jissupplimentaw l-Anness II.

Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. L-att delegat jidħol fis-seħħ biss jekk la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkun oġġezzjonaw għalih fi żmien 3 xhur min-notifika ta' dak l-att jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill ikunu informaw lill-Kummissjoni li ma jkunux se joġġezzjonaw għalih. Dak il-perjodu jista' jiġi estiż bi 3 xhur fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

B'dan ir-rapport, il-Kummissjoni tikkonforma mar-rekwiżiti ta' rapportar stabbiliti fl-Artikolu 44(2) tar-Regolament (UE) 2019/1009.

## 3. EŻERĊIZZJU TAD-DELEGA

### 3.1 Setgħat użati matul il-perjodu tar-rapportar

Matul il-perjodu tar-rapportar<sup>3</sup>, il-Kummissjoni eżerċitat is-setgħat delegati tagħha, billi adottat l-atti delegati li ġejjin<sup>4</sup>:

- Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/1768 tat-23 ta' Ġunju 2021 li jemenda, għall-fini tal-adattament tiegħu għall-progress tekniku, l-Annessi I, II, III u IV tar-Regolament (UE) 2019/1009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli dwar it-tpoġġija għad-dispożizzjoni fis-suq ta' prodotti fertilizzanti tal-UE<sup>5</sup>. Dan ir-Regolament delegat ġie adottat abbażi tal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2019/1009, daħal fis-seħħ fit-28 ta' Ottubru 2021 u beda japplika mis-16 ta' Lulju 2022.

<sup>1</sup> ĠU L 170, 25.6.2019, p. 1.

<sup>2</sup> ĠU L 304, 21.11.2003, p. 1.

<sup>3</sup> Id-data limitu għall-inklużjoni f'din it-taqsimha tal-atti delegati adottati matul il-perjodu ta' rapportar hija l-31 ta' Awwissu 2023.

<sup>4</sup> L-atti delegati huma elenkati f'ordni kronoloġika skont id-data tal-adozzjoni tagħhom.

<sup>5</sup> ĠU L 356, 8.10.2021, p. 8.

- Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/2086 tal-5 ta' Lulju 2021 li jemenda l-Annessi II u IV tar-Regolament (UE) 2019/1009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill bl-għan li jiżiedu l-imlieh tal-fosfat preċipitati u d-derivati tagħhom bħala kategorija ta' materjal komponent fil-prodotti fertilizzanti tal-UE<sup>6</sup>. Dan ir-Regolament delegat ġie adottat abbażi tal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2019/1009, daħal fis-seħħ fl-20 ta' Diċembru 2021 u beda japplika mis-16 ta' Lulju 2022.
- Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/2087 tas-6 ta' Lulju 2021 li jemenda l-Annessi II, III u IV tar-Regolament (UE) 2019/1009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill bl-għan li jiżiedu l-materjali tal-ossidazzjoni termali u d-derivati tagħhom bħala kategorija ta' materjal komponent fil-prodotti fertilizzanti tal-UE<sup>7</sup>. Dan ir-Regolament delegat ġie adottat abbażi tal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2019/1009, daħal fis-seħħ fl-20 ta' Diċembru 2021 u beda japplika mis-16 ta' Lulju 2022.
- Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/2088 tas-7 ta' Lulju 2021 li jemenda l-Annessi II, III u IV tar-Regolament (UE) 2019/1009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill bl-għan li jiżiedu l-materjali ta' piroliżi u ta' gassifikazzjoni bħala kategorija ta' materjal komponent fil-prodotti fertilizzanti tal-UE<sup>8</sup>. Dan ir-Regolament delegat ġie adottat abbażi tal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2019/1009, daħal fis-seħħ fl-20 ta' Diċembru 2021 u beda japplika mis-16 ta' Lulju 2022.
- Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/973 tal-14 ta' Marzu 2022 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/1009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi kriterji dwar l-effiċjenza agronomika u s-sikurezza għall-użu ta' prodotti sekondarji fi prodotti fertilizzanti tal-UE<sup>9</sup>. Dan ir-Regolament delegat ġie adottat abbażi tal-Artikolu 42(7) tar-Regolament (UE) 2019/1009, daħal fis-seħħ fl-14 ta' Lulju 2022 u beda japplika mis-16 ta' Lulju 2022<sup>10</sup>.
- Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/1171 tat-22 ta' Marzu 2022 li jemenda l-Annessi II, III u IV tar-Regolament (UE) 2019/1009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill bl-iskop li jiżiedu l-materjali ta' purità għolja bħala kategorija ta' materjali komponenti fil-prodotti fertilizzanti tal-UE<sup>11</sup>. Dan ir-Regolament delegat ġie adottat abbażi tal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2019/1009, daħal fis-seħħ fis-16 ta' Lulju 2022 u beda japplika mit-28 ta' Lulju 2022.
- Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/1519 tal-5 ta' Mejju 2022 li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti applikabbli għall-prodotti fertilizzanti tal-UE li fihom komposti inibituri u l-postproċessar tad-diġestat<sup>12</sup>. Dan ir-Regolament Delegat ġie adottat abbażi tal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2019/1009, daħal fis-seħħ fit-3 ta' Ottubru 2022 u beda japplika minn dik id-data.
- Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/409 tat-18 ta' Novembru 2022 li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-kontenut

<sup>6</sup> ĠU L 427, 30.11.2021, p. 120.

<sup>7</sup> ĠU L 427, 30.11.2021, p. 130.

<sup>8</sup> ĠU L 427, 30.11.2021, p. 140.

<sup>9</sup> ĠU L 167, 24.6.2022, p. 29.

<sup>10</sup> Fil-Kawża T-560/22, Fachverband Eisenhüttenschlacken vs Il-Kummissjoni, pendenti quddiem il-Qorti Ġenerali, ir-rikorrent jitlob l-annullament ta' dispożizzjoni ta' dan ir-Regolament delegat; waħda mill-eċċezzjonijiet hija l-allegat qbiż jew użu ħażin tad-delega tas-setgħat fl-Artikolu 42(7) tar-Regolament (UE) 2019/1009. Il-Kummissjoni tqis din l-eċċezzjoni bħala bla bażi.

<sup>11</sup> ĠU L 183, 8.7.2022, p. 2

<sup>12</sup> ĠU L 236, 13.9.2022, p. 5.

minimu ta' ossidu tal-kalċju f' fertilizzanti inorganiċi solidi sempliċi b' makronutrijenti<sup>13</sup>. Dan ir-Regolament Delegat ġie adottat abbażi tal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2019/1009, daħal fis-seħħ fis-16 ta' Marzu 2023 u beda japplika minn dik id-data.

Il-Kummissjoni nnotifikat kull wieħed mill-atti delegati simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, f'konformità mal-Artikolu 44(5) tar-Regolament (UE) 2019/1009. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ma estendewx il-perjodu ta' oġġezzjoni msemmi fl-Artikolu 44(6) tar-Regolament (UE) 2019/1009 fir-rigward ta' kwalunkwe wieħed minn dawn l-atti. La l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma oġġezzjonaw għal xi wieħed mill-atti ta' hawn fuq.

L-adozzjoni ta' dawn l-atti delegati ffaċilitat il-kummerċ ta' prodotti fertilizzanti b'bażi bijoloġika rinnovabbli li fihom materjali innovattivi barra mill-iskart organiku (eż. id-demel tal-bhejjem, l-ilma mormi, il-ħama, l-iskart municipli), u b'hekk ikkontribwiet għall-oġġettivi tal-Istrateġija "mill-Għalqa sal-Platt"<sup>14</sup>.

### 3.2 Setgħat mhux użati matul il-perjodu ta' rapportar

Is-setgħa fl-Artikolu 42(8) tar-Regolament (UE) 2019/1009 ma ntużatx matul il-perjodu ta' rapportar. F'konformità ma' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati fid-dawl ta' evidenza xjentifika ġdida. Bħalissa, il-Kummissjoni qed tivvaluta evidenza xjentifika ġdida dwar l-użu tal-fosfati bħala bijostimulanti tal-pjanti. Għadha ma ttieħdet l-ebda deċiżjoni dwar l-adozzjoni ta' att delegat minħabba l-implikazzjonijiet possibbli fuq il-limiti massimi ta' residwi fl-ikel u fl-għalf. L-iżviluppi xjentifiċi ġodda jistgħu jeħtieġu att delegat skont l-Artikolu 42(8). Għalhekk, din is-setgħa għadha meħtieġa.

### 3.3 Żviluppi fil-futur

Bħalissa, il-Kummissjoni qed tivvaluta diversi adattamenti għall-progress tekniku tar-Regolament (UE) 2019/1009, biex tipprovdi opportunitajiet ġodda għall-ekonomija ċirkolari f'dan is-settur. B'mod partikolari, għaddejja ħidma fuq Regolamenti delegati possibbli abbażi tal-Artikolu 42(1), fil-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi (4), (5) u (6) tal-istess Artikolu. B'mod aktar preċiż:

- l-Artikolu 42(4) - mikroorganiżmi

Bħalissa, il-Kummissjoni qed tivvaluta ċerti mikroorganiżmi biex tiddetermina jekk humiex sikuri u għalhekk jistgħux jiġu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli ta' armonizzazzjoni, f'konformità mal-Artikolu 42(1) u (4) tar-Regolament (UE) 2019/1009.

- L-Artikolu 42(5) - prodotti derivati minn prodotti sekondarji tal-annimali

Il-Kummissjoni adottat ir-Regolament Delegat (UE) 2023/1605 tat-22 ta' Mejju 2023 li jissupplimenta r-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-determinazzjoni ta' punti ta' tmiem fil-katina tal-manifattura ta' ċerti fertilizzanti organiċi u materjali li jtejbju l-ħamrija<sup>15</sup>. Bħalissa, il-Kummissjoni qed tevalwa dawk il-prodotti derivati fir-rigward tal-aspetti rilevanti mhux meqjusa għall-fini tad-determinazzjoni ta' punt aħħari fil-katina tal-manifattura f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 42/5. L-ewwel att delegat dwar id-demel ipproċessat għandu jiġi adottat sa tmiem l-2023.

- L-Artikolu 42(6) - kriterji tal-bijodegradabbiltà għal ċerti polimeri

<sup>13</sup> ĠU L 59, 24.2.2023, p. 1.

<sup>14</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni. Strateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent. COM/2020/381 final, 20.5.2020

<sup>15</sup> ĠU L 198, 8.8.2023, p. 1.

Bħalissa, il-Kummissjoni qed tivvaluta l-possibbiltà li tistabbilixxi l-kriterji tal-bijodegradabbiltà għall-polimeri msemmija fil-punt 2 tal-kategorija tal-materjal komponenti 9 fil-Parti II tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2019/1009 u l-metodi ta' ttestjar biex tivverifika l-konformità ma' daww il-kriterji.

#### **4. KONKLUŻJONI**

Billi bbażat fuq is-setgħat mogħtija fir-Regolament (UE) 2019/1009, il-Kummissjoni ffaċilitat il-kummerċ ta' prodotti fertilizzanti fis-suq intern u ppromoviet alternattivi ekoloġiċi u ċirkolari għall-fertilizzanti prodotti mill-gass naturali jew minn materjali oħra estratti mill-minjieri. Dan huwa ta' importanza partikolari biex jiġu żgurati d-disponibbiltà u l-affordabbiltà tal-fertilizzanti<sup>16</sup>.

Il-Kummissjoni tara l-ħtieġa ta' estensjoni tad-delega tas-setgħa prevista fl-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) 2019/1009 għal perjodu ta' 5 snin, f'konformità mal-Artikolu 44(2).

Dan se jkun partikolarment importanti biex tiġi pprovduta l-flessibbiltà meħtieġa fil-qafas legali biex dan jiġi kkomplementat u aġġustat b'mod regolari għall-aħħar progress tekniku u l-iżviluppi xjentifiċi.

Il-Kummissjoni tistieden lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jieħdu nota ta' dan ir-rapport.

---

<sup>16</sup> Il-Komunikazzjoni tad-9 ta' Novembru 2022 tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, L-iżgurar tad-disponibbiltà u l-affordabbiltà tal-fertilizzanti, COM/2022/590.